**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum 5 t'April, 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**-vs-**

**Zoran Talevski, detentur tal-passaport Macedonjan numru C0364248 u karta t'identita` numru 0502982410016**

Kump Nru 192/18

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Zoran Talevski u ċioè talli:

> Fis-25 ta' Marzu 2018 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il- Gzejjer ta ordni biex isir delitt jew gieghel li d-delitt isir b'mezz ta'rigali weghdiet, theddid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella ta struzzjoinijiet biex isir id-delitt lil ufficjal jew impjegat pubbliku, cioe dwar falsifikazzjoni ta' Timbri Maltin dhul/hrug.
>
> fl-istess lok, perjodu u cirkostanzi b' diversi atti magħmulin mill-akkuzat, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
>
> matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għen jew assista lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art f'Malta, jew li joqgħodu ġewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuni biex jinżlu l-art jew jittantaw jinżlu l-art, jew li joqgħodu ġewwa, jew li jitilqu minn xi Stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-Istat, jew jaħbi jew

jagħti kenn lil xi persuni li jkun jaf, jew ikollhu tassew għax jaħseb, li jkun qiegħed f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi fixkel jew impedixxa lil xi persuna fil-qadi leġittimu tas-setgħat jew tad-dmirijiet tagħha skont dan l-Att;

matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi mingħajr awtorità leġittima uża jew kellha fil-pussess tagħha xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat;

fl-istess lok, perjodu u cirkostanzi rceviet passaport li jiġi ittrasferit lilha minn persuna oħra;

fl-istess lok, perjodu u cirkostanzi iffalsifikat, biddlet jew għamlet xi tibdil f'Passaport, jew użat jew kellha fil-pussess taghha xi Passaport, li hi kienet taf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom;

Rat li waqt l-udjenza tas-27 ta' Marzu, 2018, mizmuma minn din il-Qorti, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jigi rilevat li minekjja li giet registrata ammissjoni fuq l-akkuzi kollha migjuba, il-prosekuzzjoni ghazlet tifformula l-akkuzi b'mod konvolut fejn tonqos dik il-kjarezza li wiehed jistenna f'akkuza li

tippermetti lill-imputat jipprepara d-difiza tieghu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Raymond Xerri** iddecidiet:[1]

Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw*……"

…….

l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta'l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. [emfazi tal-Qorti]

Illi rigward l-ewwel akkuza fejn ghalkemm hu cjar li l-imputat hu addebitat bil-komplicita` fir-reat ta' falsifikar ta' *"Timbri Maltin dhul/hrug"* minn ufficjal jew impjegat pubbliku, fl-akkuza ma hemm ebda riferenza dwar liema tip ta' falsifikazzjoni l-imputat irrenda ruhu komplici fiha, ghalkemm il-Qorti tista' tispekula li l-hsieb kien ir-reat prospettat bl-artikolu 172 tal-Kodici Kriminali li twettaq minn ufficjal pubbliku.

Certament mhux kompitu ta' din il-Qorti li tipprova tisslet dak li kellu f'mohhu l-ufficjal prosekutur sabiex jakkuza l-imputat bih. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat minn din l-ewwel "imputazzjoni".

Illi dwar it-tieni imputazzjoni, ir-reat kontinwat, li necessarjament irid ikun abbinat ma reat, gie addebitat bhala akkuza *ut sic*. Fl-assenza ta' dan ir-reat l-iehor il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-imputat minn dan l-addebitu.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon:**[2]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti hija konfliggenti mal-provi l-ohra li hemm fl-atti, senjalatament l-istqarrija tieghu stess ghaliex minn din ta'l-ahhar jirrizulta illi huwa ikkometta r-reati

---

[1] Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Deciza 26 ta' Jannar 2017

[2] Deciza 19 ta' Novembru 2015; Qorti tal-Appell Kriminali per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru 385/2015.

addebitati lilu mhux f'Awwissu, izda f'Settembru 2013 u kwindi huwa ammetta ghall-fatti li ma kenux gew kommessi minnu ghal ta'l-anqas mhux fid-data indikata fl-akkuza, izda xahar wara. Illi d-dottrina fir-rigward tal-valur probatorju ta'l-ammissjoni maghmula mill-persuna akkuzata tghallimna illi:

"*Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga` kellha l-opportunita` li tippronunzja ruhha fis-sentenza tagha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollez. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenokke` ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni* ***jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cjoe` ssibu hati ta' reat.***[3] "(sottolinjar tal-Qorti)

Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il-mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-sentenza moghtija mill-istess Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa** nghad:[4]

Minn dawn il-fatti jemergi allura illi l-ammissjoni ta'l-appellanti ma tirriflettiex l-fatti li jemergu mill-provi li hemm fl-atti, ….

Allura dan iwassal ghal konkluzjoni illi minn ezami tal-atti u abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghall-ewwel imputazzjoni billi r-reat qatt ma seta' jirrizulta. Issa l-kodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m'huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta' nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Mhux biss izda l-artikolu 392(A)(3) jimponi fuq il-Qorti illi:

"*..... meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu hati.*"

Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom…..

[3] Il-Pulizija vs Martin Camilleri 20/01/1995 (Vol.LXXIX.v.1538)

[4] Deciza 26 t'Ottubru, 2017 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell numru.99/2017.

Illi ghalkemm l-artikolu 436(3) tal-Kodici Kriminali mhux wiehed mill-artikoli rezi applikabbli specifikatament ghall-Qrati tal-Magistrati bl-artikolu 525 tal-Kodici, mhemmx dubbju li din il-Qorti tkun qed tonoqs serjament mid-doveri taghha jekk fuq il-fatti minnu ammessi l-istess Qorti ma tistax, skond il-ligi, ssibu hati ta' reat.

Illi fid-dawl ta′ dan l-insenjament u tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi dwar l-akkuzi l-ohra, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m′ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura serja tal-akkuzi migjuba kontrih fejn bl-agir qarrieqi u malinn tal-imputat, mizuri dwar sigurta` ta′ pajjiz jigu mxejjna u fejn jigi vjolat id-dritt li Stat ghandu li jirregola skond il-ligijiet minn tieghu d-dhul gewwa t-territorju tieghu. Qiset l-ammissjoni bikrija tieghu, l-fedina penali netta tieghu w tal-fatt li l-imputat kkowopera mal-awtoritajiet fl-investigazzjonijiet taghhom anke fil-konfront ta′ terzi, u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta′ Malta, tal-artikoli 32(1)(a)(e)(f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta′ Malta, u tal-artikoli 3(b) u 5 tal-Ordinanza dwar Passaporti, Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta′ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel zewg imputazzjonijiet, fuq ammissjoni, ssibu hati tal-kumplament u tikkundannah sitt xhur prigunerija.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**